**QORTI TA'-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR TONIO MICALLEF TRIGONA LL.D., Mag. Juris (EU Law).**

Illum 3 ta' Awissu 2001.

Il-Pulizija,
(Spettur Nicholas Ciappara u
Neil Harrison)
vs
Raymond Callus.

Il-Qorti:

Rat l-atti tal-kumpilazzjoni migjuba kontra l-imputat Raymond Callus iben Carmel u Frances Busuttil, imwieled Rahal Gdid u joqghod Blk. 3, Flat 8, Garden Drive, Sta. Venera - numru tal-karta tal identita 544062 (M);

Akkuzat talli:

1. F'dawn il-gzejjer fit-12 ta' Awissu 1996 u t-tnax-il xahar ta' qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina u d-droga kokaina, specifikati fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6

Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-drogi fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-drogi msemmija gew forniti lilu ghal uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmja u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli tat-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Ukoll talli f'dawn il-Gzejjer fit-12 ta' Awissu 1996 u l-gimghat ta' qabel, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna/i jew ghal uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghal Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni, u minghajr ma kien fil-pussess ta' l-awtorizzazjoni ghal importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-dispozizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regoli tat-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N 292/1939) kif sussegwentement ammendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Sar recidiv skond l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta b'sentenzi moghtija lilu mill-Qrati tal-Magistrati (Malta) datati 21 ta' Jannar 1987 Awla A, 18 ta' April 1990 Awla B, 3 ta' Lulju 1990 Awla J, 20 ta' Frar 1991 Awla G, u 24 ta' Mejju 1996 Awla 3.

4. Kiser l-Artikoli 5 u 9 tal-Kapitolu 152 tal-Ligijiet ta' Malta b'diversi sentenzi mghotija lilu mill-Qrati tal-Magistrati (Malta) iddatati 22.07.93 Awla 1, 20.10.94 Awla 9, 9.03.95 Awla 9, 12.02.96 Awla 2 u 24.01.96 Awla 9.

Rat il-verbal ta' din il-Qorti diversament presjeduta tas-7 ta' Novembru 1997 (folio 20) filwaqt li awtorizzat is-segwenti zieda mal-akkuza:

5. Talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, 'club' jew centru taz-zaghzagh jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zaghzagh jew lill-persuna li tkun qedha ssegwi programm ta' kura jew tar-rijabilitazzjoni mid-dipendenza mid-drogi u dan skond l-Artikolu 22 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

I1-Qorti mitluba li minbarra li taghti l-piena skond il-ligi f'kaz ta' htija tapplika l-Artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront ta' l-imputat.

Rat l-ordni ta' l-Avukat Generali tal-25 ta' Mejju 1999 a folio 242 tal-process sabiex l-imputat jigi gudikat minn dina 1-Qorti bhala wahda ta' Gudikatura Kriminali biex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ghall-ksur

tal-provvedimenti tal-Kap 101 u b'zieda ma' l-ordni billi tista' mill-kumpilazzjoni tinstab htija (jew htijiet) ta' kompetenza ta' din il-Qorti bhala wahda ta' Kriminali Gudikatura taht l-artikoli tal-ligi mahsuba fl-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 u fl-Artikolu 10(1)(a) tal-Kap 152.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Rat ix-xhieda prodotta f'din il-kawza kompriza dik ta' l-imputat;

Semghet it-trattazjoni u ikkonsidrat in-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-ufficjal prosekutur;

Ikkunsidrat:

L-imputat huwa akkuzat b'reati dwar pussess u traffikar ta' droga u li wkoll ittraffika fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, klub jew centru taz-zaghzagh jew xi post iehor simili fejn normalment jiltaqghu z-zaghzagh. Akkuzi ohra jirreferu ghar-recidiva u li kiser il-provedimenti ta' l-Artikolu 5 u 9 tal-Kap 152.

Annalizzati l-akkuzi fuq il-provi migjuba dak li dwaru m'hemmx dubbju hu fir-rigward l-ewwel akkuza u r-recidiva li jirrizultaw wisq cari; ta' l-ewwel wkoll mill-istqarrija u x-xhieda ta' l-imputat u t-tieni (cioe` it-tielet akkuza) mill-bosta sentenzi esebiti u li dwar l-awtenticita taghhom d-difiza akkwijexxiet. In kwantu ghal ksur ta' l-Artikolu 5 u 9 tal-Kap 152 mis-sentenzi esebiti in atti jirrizulta li l-akkuzi odjerni ('prescindendo' mill-akkuza tat-traffikar) gew kommessi waqt li l-imputat kien tant taht ordni ta' 'probation'

taht l-Artikolu 5 u kondizzjonalment liberat taht l-Artikolu 9 tal-Kap 152 kif evidenzjat mis-sentenzi esebiti folio 148, 159, 174 u 176.

Id-dubbji jippersistu dwar t-tieni u l-hames akkuza li hi dipendenti fuq t-tieni akkuza fis-sens li biex din tirrizulta trid l-ewwel tirrizulta t-tieni akkuza cioe` dik tat-traffikar. Fil-kuntest ta' din l-akkuza l-prosekuzzjoni qeghdha tistrieh in sostenn taghha esklussivament fuq ix-xhieda ta' Mattew Farrugia. Fir-rigward ghandu jigi puntwalizzat li din il-Qorti skond verbal taghha tat-12 ta' Ottubru tas-sena l-ohra kienet ordnat is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex tisma' mill-gdid lill-imsemmi Farrugia (fost xi xhieda ohra) anke ghaliex ma kienitx hi li kienet semghatu meta xehed originarjament. In-necessita` ta' dan ghandu jkun ovvju stante li din it-tieni akkuza treggi fuq kwistjoni ta' kredibilita` ta' dan ix-xhud molto piu meta l-imputat jinsisti li huwa qatt ma biegh droga u allura qatt ma forna droga lil dan ix-xhud. Anzi l-imputat jinsisti li kien proprju x-xhud li kien ifornih bid-droga.

Illi filwaqt li huwa risaput li f'akkuzi taht il-Kap 101 (ara Artikolu 30), b'eccezzjoni ghar-regola generali li xhud ta' komplici ghandha tkun korroborata, x-xhieda tal-persuna li tkun xtrat, jew xort'ohra kisbet jew akkwistat droga mill-imputat m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b'cirkostanzi ohra. Nonostante, pero`, dejjem hemm bzonn li tale persona tigi u tkun emnuta minn min qieghed jiggudika. Fil-kaz in disamine tale persona, ix-xhud Mattew Farrugia, stqarr li kien igib id-droga minghand l-imputat li minn naha tieghu cahad dan il-fatt b'insistenza. Il-Qorti hi ghalhekk rinfaccjata b'zewg verzjonijiet kontrapposti wiehed ghall-iehor minghajr ebda fattur iehor li anki remotament jista' jaghti aktar kredibilita` lix-xhud tal-prosekuzzjoni, anki fl-oppost, stante dak li xehed ix-xhud Jason Dalton dwar

l-busta li x-xhud Farrugia kien ircieva minghand l-imputat meta huma kienu ser jitilqu mir-residenza ta' l-istess imputat, li jirrizulta kienet tikkontjeni flus. Il-Qorti ghalhekk qeghdha tapplika favur l-imputat il-massima 'in dubbio pro reo' anki ghaliex mill-komportament tieghu tul il-kors tal-proceduri din il-Qorti ma sabet xejn x'ticcensura fl-imputat u ma ssib ebda raguni ghaliex m'ghandhiex temmnu jew fl-aghar ipotesi ittieh il-beneficcju tad-dubbju.

Ghalhekk, filwaqt li qeghdha ssib l-imputat hati ta' l-ewwel, it-tielet u r-raba' akkuza, qeghdha tiddikjarah mhux hati tat-tieni u l-hames akkuza u kwindi qeghdha tilliberah minnhom.

Ghal dik li hi piena l-Qorti, konxja mill-fatt li l-imputat kien ilu zmien detenut il-Facilita Korrettiva ta' Kordin fuq sentenzi precedenti u konxja wkoll li l-imputat ghad ghandu perjodu twil x'jiskonta, hasset li kellha tinnomina ufficjal tal-'probation' sabiex jitlesta 'pre-sentencing report'. Dan gie debitament ipprezentat u mahluf u jinsab esebit in atti. Minn dan jirrizulta li l-imputat ghad jonqsu jiskonta cirka tmien snin ohra habs fuq akkuzi li ghaddew in gudikat dwar reati ta' serq, frodi u falsifikazzjoni. Din il-Qorti ma tahsibx li ghandha f'dawn ic-cirkostanzi tapplika piena addizzjonali ta' habs. Hi l-fehma konvinzjoni taghha li l-imputat f'dan it-tangent ghandu bzonn kull ghajnunha possibbli sabiex ikompli fit-triq tar-riforma li jidher li hu qabad b'certa konvinzjoni.

Ghalhekk u wara li rat r-Regolament 8 tal-G.N 292/1939 u l-Artikolu 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101, wkoll l-Artikoli 49, 50, 31 tal-Kap 9 u l-Artikolu 10(a) tal-Kap 152 b'referenza ghas-sentenzi tal-20 ta' Ottubru 1994 (folio 148), 12 ta' Frar 1996 (folio 159) u 9 ta' Marzu 1995 (folio 176) stante li jirrizulta li

s-sentenzi l-ohra citati fir-raba' akkuza l-imputat gia` gie ittrattat ghalihom, tenut ukoll kont id-diskrezzjoni li l-ligi taghti, tiddecidi li tqieghdu taht ordni ta' 'probation' skond l-Artikolu 5 tal-Kap 152 ghal tliet snin mil-lum taht l-Ufficjal tal-'Probation' Carmen Nygaard taht il-kundizzjonijiet imfissra fl-ordni tal-'probation' anness. Tordna l-konfiska u d-distruzzjoni permezz tal-Ispizjar Mario Mifsud ta' l-oggetti kollha relatati mad-droga u esebiti f'dan il-kaz.

Fl-ahharnett il-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 5(5) fissret lill-imputat l-import tal-ordni ta' 'probation'.

A. M. Trigona,
MAGISTRAT.

Niddikjara li ttraskrivejt bis-sewwa u fedelment, u skond l-ahjar taghrif u hila tieghi r-registrazzjoni tat-'tape'.

Albert P. Calleja,
Dep. Registratur.